# IL-KAPPILLANI LI KELLHA L-PARROĊĊA TAL-GŻIRA



L-EWWEL KAPPILLAN: Dun Anton Manche' (1921-1935)

*Dun Anton Manche' twieled Birkirkara fis-sena 1869 minn Ġiuseppe Manche' u Maria Ciappara, ġie ordnat saċerdot fis-sena 1893.*
*Għal xi żmien kien Viċi fil-Parroċċa ta' Stella Maris. Miet fid-19 ta' Frar 1935 fl-eta' ta' 66 sena. Dan il-Kappillan ħadem bla heda biex fi żmienu inbniet il-Knisja Parrokkjali.*

IT-TIENI KAPPILLAN: Dun Carlo Manche' (1935-1950)

*Dun Carlo Manche' D.D. Ph.D., twieled il-Belt Valletta fis-sena 1905 mit-tabib Carlo Manche' u Josephine Falzon. Kien ordnat saċerdot f'Settembru tas-sena 1928, u sar Kappillan tal-Gżira fit-12 ta' Marzu 1935. Huwa miet fl-eta' ta' 45 sena fit-18 ta' Novembru 1950. F'għeluq il-25 sena mill-mewt tiegħu (1975) il-kleru u l-poplu tal-Gżira qiegħed lapida ta' l-irħam mal-ħajt tal-knisja f'ġieħ dan il-Kappillan ta' fama qaddisa u benefattur tal-fqar.*





IT-TIELET KAPPILLAN: Dun Pawl Galea (1951-1966)

*Dun Pawl Galea twieled in-Nadur, Għawdex minn Giovanni Galea u Marija Meilaq fis-26 ta' Awissu 1899, u ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1923, f'Notre Dame d'Afrique, Algier. F'Ġunju tas-sena 1925 inħatar Kappillan tal-Blue Sisters u dam hemm sat-12 ta' Jannar 1946. Wara sar Kappillan tal-Klarissi.*
*Wara l-mewt tal-Kappillan Carlo Manche', Mons. Arċisqof għażlu bħala Kappillan tal-Gżira. Ħa l-pussess ta' Kappillan fit-18 ta' Marzu 1951. Minn din il-kariga irriżenja minħabba saħħtu fit-30 ta' Settembru 1966. Huwa miet fid-29 ta' Ottubru 1970.*



**IR-RABA' KAPPILLAN:** Kanonku Dun Ġużepp Theuma (1967-1981)

*Il-Kanonku Onorarju tal-Bażilka ta' B'Kara, Dun Ġużepp Theuma twieled il-Marsa fis-7 ta' Ġunju 1931 minn Gaetano Theuma u Carmela Mamo. Huwa trabba ġewwa B'Kara. Fis-6 ta' April 1957 kien ordnat saċerdot. F'Ottubru tal-1957 l-Arċisqof bagħtu l-Gżira. Dam hawn tliet snin għaliex fis-16 ta' Ottubru 1960 ġie magħżul Kappillan ta' Ħal Kirkop.*

*Meta l-Kappillan Dun Pawl Galea irriżenja minħabba saħħtu, l-Arċisqof għażlu Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira. Fil-15 ta' Jannar 1967 ħa l-pussess. Fil-1981, Dun Ġużepp ġie maħtur Arċipriet tas-Siġġiewi u wara ntbagħat f iż-Żejtun. Huwa miet fis-6 ta' April tal-1991*



**IL-ĦAMES KAPPILLAN:**
Kan. Dun Walter Cauchi (1981-1990)

*Il-Kanonku Dun Walter Cauchi twieled B'Kara fit-2 ta' Frar 1951. Huwa kien bin Frans Cauchi u Josephine Gatt u ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Ġunju 1977. Wara ħidma pastorali fil-Għargħur u Bormla, l-Arċisqof ħatru Kappillan tal-Gżira f' Lulju tal-1981. Dun Walter Cauchi kien ħabib kbir tat-tfal u ż-żgħażagħ, u bniedem li ħadem għall-poplu kollu. Fi Frar 1990 l-Arċisqof bagħtu Kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Fl-14 ta' Jannar 1996 inħatar Kappillan fil-Parroċċa San Bastjan f'Ħal Qormi.*



**IS-SITT KAPPILLAN:**
Dun Noel Grima (1990-1994)

*Dun Noel Grima twieled il-Ħamrun, bin Thomas Grima u Helen Azzopardi.*

*Ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Marzu 1972. Parti sinjifikanti tal-ħidma pastorali tiegħu kienet fl-iskejjel bħala direttur spiritwali, kif ukoll fil-qasam ġurnalistiku. Fit-18 ta' Jannar 1990 huwa ġie maħtur Kappillan tal-Gżira. Hawnhekk Dun Noel Grima kien jipprova jipprevedi l-problemi soċjali u jissensibilizza l-poplu bihom. F'Ottubru ta' l-1994 Dun Noel Grima irriżenja minn Kappillan u kompla l-ħidma tiegħu fil-qasam ġurnalistiku.*



**IS-SEBA' KAPPILLAN:** Dun Victor Scicluna (1995- )

*Dun Victor Scicluna twieled Raħal Ġdid fis-16 ta' Jannar 1953, bin Anthony Scicluna u Lourdes Decelis. Kien ordnat saċerdot fil-11 ta' Lulju 1981. L-Arċisqof bagħtu jservi fil-Gżira bħala Viċi-Kappillan. Wara seba' snin u nofs jaħdem hawn, huwa ġie maħtur Delegat ta' l-Arċisqof għal-liturġija u Kappillan ta' Ħal Safi, fejn dam sitt snin. L-Arċisqof reġa' bagħtu l-Gżira fejn ħa l-pussess fid-19 ta' Frar 1995.*